**2 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A. LL.D.**

Matthew Hayes *noe*

*versus*

Anthony Mercieca

**Sentenza - Nullita` ta' - Nuqqas ta' Notifika - Eċċezzjoni ta' Illeġittimita` ta' Persuna - Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Kawża li saret kontra żewġ konvenuti. Kontra l-konvenut mhux innotifikat il-kawża ġiet ċeduta, iżda l-ewwel Qorti ma ddeċidietx l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita` tal-persuna. Dan wassal għan-nullita` tas-sentenza appellata.*

*Is-sentenza ġiet annullata u l-atti rrinvjati lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-appellat *nomine* quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) li bih talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas is-somma ta' Lm200, jew somma oħra verjuri li tiġi llikwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti *nominandi*, rappreżentanti d-danni sofferti fil-vettura ta' l-assikurat ta' l-attur, liema danni ġew ikkawżati b'riżultat tal-kolliżjoni li l-konvenut kellu ma' l-attur fil-31 ta' Mejju, 1993 fi

Triq il-Kbira, San Ġiljan, wara li jiġi ddikjarat li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra legali kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat li dik il-Qorti b'sentenza tas-16 ta' Jannar, 1995 laqgħet it-talba attriċi u kkundannat lill-konvenut li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm165.20 danni sofferti lill-vettura ta' l-assigurat ta' l-attur, liema danni ġew ikkawżati b'riżultat tal-kolliżjoni li kellu mal-konvenut fil-31 ta' Mejju, 1994 fi Triq il-Kbira, San Ġiljan, għal liema inċident hu unikament responsabbli l-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Din is-sentenza ġiet hekk motivata fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet: ".... l-assigurat ta' l-attur, Eric Grixti xehed li dakinhar ta' l-inċident hu kien qed isuq il-karozza Subaru V-5373 ġo Triq il-Kbira, San Ġiljan dirett lejn in-*Neptunes Waterpolo Pitch*. Ħin minnhom jara *truck* V-0313 ġej mid-direzzjoni opposta u minħabba d-djuqija tat-triq b'karozzi pparkjati fuq iż-żewġ naħat, ma kienx hemm spazju biex iż-żewġ vetturi jgħaddu ma' ġenb xulxin. Grixti għalhekk, irriversja l-karozza tiegħu sabiex it-*truck* misjuq mill-konvenut, ikun jista' jgħaddi. Waqt li Grixti kien f'din il-manuvra, il-konvenut għamillu sinjal b'idejh li seta' jieqaf u Grixti waqaf. Il-konvenut saq it-*truck* ma' ġenb il-vettura ta' Grixti u hekk kif kien għaddej laqat il-karozza fuq in-naħa ta' wara, fuq ir-rota u l-*mudguard* tax-xellug. Saret ħsara fl-ammont ta' Lm162.20 u oltre dawn il-kumpannija attriċi ħallset ukoll Lm3 għall-i*sketch* u *Road Accident Report*. Minkejja li l-kawża kienet appuntata bil-ħin għall-provi kollha, il-konvenut ma deherx biex jagħti x-xhieda tiegħu. Il-versjoni li ta Eric Grixti ta' kif ġara dan l-inċident hija waħda verosimili u tinkwadra bis-sħiħ ma' l-i*sketch* li hemm esebit fl-atti.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex toqgħod fuq din il-versjoni li wkoll tefa' l-ħtija fuq il-konvenut li għandu jinsab responsabbli għal din il-kolliżjoni;

Il-konvenut appellant iħossu aggravat għax iqis li l-ewwel Qorti naqset milli tagħtih smigħ xieraq. Jissottometti illi meta l-kawża kellha tinstema' fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 1995 **id-difensur** tiegħu kienet waqfitlu l-karozza, u nonostante l-għajnuna li ngħata ma rnexxielux jattendi għas-smigħ tal-Qorti fil-ħin. L-appellant jissottometti illi dan il-fatt ġie ssenjalat lill-Qorti li rriservat li tipprovdi dwaru fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 1995. L-appellant hekk ikompli:

"Meta fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 1995 **id-difensur** mar fl-Awla jidher mill-verbal, li l-kawża u hu ssejjħu diversi drabi u l-kawża ġiet deċiża";

L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha mingħajr ma tagħtu opportunita' raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li jinstema' huwa u jipproduċi x-xhieda. Dan il-fatt għandu jwassal, skond l-appellant, għan-nullita' tal-proċeduri u tas-sentenza;

L-appell hu għal kollox insostenibbli u għandu jiġi rriġettat. Il-Qorti tinnota qabel xejn, l-enfasi fil-petizzjoni fuq in-nuqqasijiet **tad-difensur** ta' l-appellant. Awto-konfessjoni lodevoli, imma li xejn ma tivvantaġġja lill-appellant u bl-ebda mod ma tiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jinteressa ruħu fl-andament tal-kawża. Disinteress li jirrassenta l-irresponsabilita'. Għall-Qorti, il-kawżi huma prinċipalment tal-partijiet u mhux ta' l-avukati li jippatroċinawhom. Hi ppreparata tittollera ħafna min-nuqqasijiet ta' l-avukati, konxja

tad-diffikultajiet kbar li jridu jirrinfaċċjaw fis-sistema ġudizzjarju kif hu organizzat. Mhix pero' lesta li tittollera nuqqas ta' interess u anke agħar, da parti ta' min jagħżel li jadixxi lill-Qorti biex ifittex il-ġustizzja. Lanqas għandhom l-avukati jestendu aktar milli strettament meħtieġ ir-responsabilita' tagħhom fir-rigward tal-klijenti, li għandhom minnhom jinġiebu konxji tad-dmirijiet tagħhom lejn il-Qorti fl-andament tal-kawża u dana fl-interess tagħhom;

Jiġi nnotat illi:

Mill-verbal tas-seduta jirriżulta li **l-konvenut** ma deher qatt meta nstemgħet il-kawża;

Fis-seduta tad-9 ta' Jannar - meta l-avukat tal-konvenut ġratlu ħsara fil-karozza - ġie vverbalizzat li l-konvenut imsejjaħ tliet darbiet ma deherx u dana meta l-kawża kienet ġiet differita għal dakinhar **bl-appuntament għall-provi kollha tal-kontendenti**. Il-konvenut lanqas ipproduċa xi prova u l-Qorti ġustament ħalliet il-kawża għas-sentenza billi l-attur iddikjara li eżawrixxa l-provi tiegħu;

L-avukat ta' l-appellant, b'rikors talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u li dik il-Qorti "tammetih iressaq il-provi tiegħu". Il-Qorti ma ċaħditlux din it-talba imma rriservat li tipprovdi dwarha fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 1995;

L-inqas li wieħed kien jistenna hu li dakinhar il-konvenut kien ikun pront fil-Qorti biex jixhed u jġib il-provi. Imma l-verbal ta' dik is-seduta hekk jgħid:

"Meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd. **Il-kawża ġiet posposta**;

Meta reġgħet issejħet il-kawża, reġa' ma deher ħadd";

Il-Qorti wara li rat li minkejja r-rikors tiegħu, la l-konvenut u lanqas l-avukat tiegħu ma kellhom il-kirjanza jidhru quddiem il-Qorti u jagħtu spjegazzjonijiet opportuni fejn f'każ ta' eżitu favorevoli din il-Qorti kienet tkun f'posizzjoni li tisma' x-xhieda tal-konvenut;

Il-Qorti għalhekk tiċħad it-talba tal-konvenut (kif dedotta fir-rikors) u tgħaddi għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Il-kawża ġiet deċiża. U ġustament. Din il-Qorti ma tirravviża xejn ħlief atteġġjament mill-iktar beninju fil-konfront tal-konvenut da parti ta' l-ewwel Qorti. Altru milli ma tatux opportunita` sħiħa milli jixhed u jġib il-provi tiegħu. L-ewwel Qorti kienet tkun qed tonqos mis-serjeta` u tippreġudika d-dekor tagħha kieku fiċ-ċirkostanzi ma applikatx kif ġustament għamlet ir-rigur kollu tal-liġi kontra l-appellant li wera disinteress assolut li jiddefendi l-kawża tiegħu;

Il-Qorti kellha allura quddiemha versjoni waħda ta' kif ġraw il-fatti fl-inċident stradali meritu tal-kawża. Versjoni mhux kontrastata mill-konvenut u, kif sewwa ritenut mill-Qorti, "verosimili u tinkwadra bis-sħiħ ma' l-iskizz esebit fl-atti". D'altronde jekk l-appellant innifsu ma deherlux li kellu jikkontesta din il-versjoni, meta l-liġi tagħtu ampja opportunita` li hekk jagħmel, mhux il-każ li din il-Qorti tindaga oltre dwar dak il-meritu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.